IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.8.2020
COM(2020) 436 final

2020/0208 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2020/123 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Skont ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar għandu jirkupra l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada u jżommhom ’il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY). Għodda importanti f’dan ir-rigward hi l-istabbiliment annwali tal-opportunitajiet tas-sajd fl-għamla ta’ qabdiet totali permissibbli (TACs) u kwoti.

Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet (minn hawn ’il quddiem “MAP”) ikompli jispeċifika l-valuri tal-mortalitajiet mis-sajd espressi bħala meded li jintużaw f’din il-proposta sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-PKS, speċjalment il-kisba u ż-żamma tal-MSY.

L-objettiv ta’ din il-proposta hu li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għall-Istati Membri għall-2021 fir-rigward tal-aktar stokkijiet tal-ħut kummerċjalment importanti fil-Baħar Baltiku. Bil-għan li jiġu ssimplifikati u ċċarati d-deċiżjonijiet annwali dwar it-TAC u l-kwoti, l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku ilhom li ġew stabbiliti permezz ta’ Regolament separat mill-2006.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta’ politika eżistenti fil-qasam tal-politika

Il-proposta tistabbilixxi kwoti fil-livelli konsistenti mal-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

• Konsistenza ma’ politiki oħrajn tal-Unjoni

Il-miżuri proposti huma f’konformità mal-objettivi u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-proposta hija fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

• Proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Il-Politika Komuni tas-Sajd hija politika komuni. Skont l-Artikolu 43(3) tat-TFUE il-Kunsill huwa responsabbli mill-adozzjoni tal-miżuri dwar l-istabbiliment u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

Ir-Regolament tal-Kunsill inkwistjoni jalloka l-opportunitajiet tas-sajd lill-Istati Membri. Filwaqt li jqisu l-Artikolu 16(6) u (7) u l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-Istati Membri huma liberi li jallokaw dawn l-opportunitajiet fost ir-reġjuni jew l-operaturi skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli msemmija. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom

biżżejjed spazju biex jimmanuvraw fejn jidħlu d-deċiżjonijiet relatati mal-mudell soċjali/ekonomiku tal-għażla tagħhom biex jisfruttaw l-opportunitajiet tas-sajd allokati lilhom.

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja ġdida għall-Istati Membri. Dan ir-Regolament partikolari jiġi adottat mill-Kunsill kull sena, u l-mezzi pubbliċi u privati għall-implimentazzjoni tiegħu diġà jinsabu fis-seħħ.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Ir-Regolament.

Din hija proposta għall-ġestjoni tas-sajd abbażi tal-Artikolu 43(3) tat-TFUE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar Baltiku (BSAC) ġie kkonsultat abbażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward ta' Konsultazzjoni dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd għall-2021 skont il-Politika Komuni tas-Sajd COM(2020) 248 final. Il-bażi xjentifika tal-proposta ngħatat mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES). Tqiesu l-opinjonijiet preliminari espressi minn bosta partijiet ikkonċernati dwar l-istokkijiet tal-ħut kollha kkonċernati u ġew ikkunsidrati kemm jista' jkun fil-proposta mingħajr ma nħolqu kontradizzjonijiet mal-politiki eżistenti jew deterjorament fl-istat tar-riżorsi vulnerabbli.

Il-parir xjentifiku dwar il-limiti ta' qbid u l-istatus tal-istokkijiet ġie diskuss ukoll mal-Istati Membri fil-forum reġjonali BALTFISH f'Ġunju 2020.

- **Il-ġbir u użu tal-għarfien espert**

L-organizzazzjoni xjentifika kkonsultata kienet il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES).

L-Unjoni titlob parir xjentifiku dwar l-istat tal-istokkijiet tal-ħut importanti mill-ICES kull sena. Il-parir li tirċievi jkopri l-istokkijiet kollha tal-Baltiku u jiġu proposti TACs għal dawk l-aktar importanti kummerċjalment (http://www.ices.dk/advice/Pages/Latest-Advice.aspx).

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta hi parti minn approċċ fit-tul li bih il-livell tas-sajd jiġi aġġustat u jinżamm f'livelli ta' sostenibbiltà fit-tul. Dan l-approċċ huwa mistenni li jwassal għal pressjoni tas-sajd stabbli, kwoti ogħla u għalhekk introjtu aħjar għas-sajjieda u għall-familji tagħhom. Iż-żieda fil-ħatt l-art hi mistennija li tkun ta' benefiċċju għall-industrija tas-sajd, għall-konsumaturi, għall-industrija tal-ipproċessar u tal-bejgħ bl-imnut kif ukoll għall-bqija tal-industrija anċillari marbuta mas-sajd kummerċjali u rikreattiv.

Id-deċiżjonijiet meħuda dwar l-opportunitajiet tas-sajd tal-Baħar Baltiku tul dawn l-aħħar snin kienu rnexxew sal-2019 biex iġibu l-mortalità mis-sajd għall-istokkijiet b'parir dwar l-MSY konformi mal-meded tal-MSY fil-mument tal-istabbiliment tat-TACs għall-istokkijiet kollha għajr għall-aringa tal-Baltiku tal-Punent, u rnexxielhom ireġġgħu lura l-istokkijiet u jibbilanċjaw mill-ġdid il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd. Sfortunatament, il-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant kien taħt pressjoni kbira fl-2019 u l-ICES jistma li dak l-istokk probabbilment se jibqa' f'kundizzjoni ħażina fis-snin li ġejjin. Għalhekk għad hemm bżonn isir aktar progress biex jitreġġgħu lura l-istokkijiet kollha għax uħud minnhom għadhom taħt il-limiti sikuri tal-bijomassa, u biex l-istokkijiet kollha jkunu konformi mal-MSY.

L-aħjar parir xjentifiku disponibbli l-aktar riċenti jistma li l-bijomassa ta' żewġ stokkijiet hija taħt il-limiti b'saħħithom (l-aringa tal-Baltiku Ċentrali u l-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent), tnejn saħansitra taħt il-limiti bijoloġiċi sikuri (l-aringa tal-Baltiku tal-Punent u l-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant). Flimkien mal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, tliet stokkijiet oħra jirċievu parir ta' prekawzjoni (l-aringa tal-Golf ta' Bothnia u ż-żewġ stokkijiet tas-salamun). Żewġ stokkijiet jirċievu parir dwar l-MSY u jinsabu f'livelli b'saħħithom (il-laċċa kaħla u l-aringa fil-Golf ta' Riga). Il-barbun tat-tbajja' huwa magħmul minn żewġ stokkijiet li wieħed minnhom jirċievi parir dwar l-MSY, u l-ieħor parir ta' prekawzjoni.

Meta jitqies dan ta' hawn fuq, il-proposta tal-Kummissjoni tnaqqas l-opportunitajiet tas-sajd għall-aringa tal-Baltiku tal-Punent b'50 %, għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant b'70 %, għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent bi 11 %, għall-aringa Ċentrali b'36 % u għas-salamun fil-Golf tal-Finlandja b'10 %. Il-proposta tal-Kummissjoni żżid l-opportunitajiet tas-sajd għall-aringa tal-Golf ta' Riga bi 15 % u għas-salamun fil-baċir ewlieni b'9 %, u tintroduċi dawk għall-aringa fil-Golf ta' Bothnia, il-laċċa kaħla u l-barbun tat-tbajja'.

Għalhekk l-impatt ekonomiku tal-proposti għall-2021 se jfisser tnaqqis għall-flotot fl-Istati Membri kollha. Kollox ma' kollox, il-proposta tal-Kummissjoni twassal għal livell ta' madwar 425 000 tunnellata għall-opportunitajiet tas-sajd fil-Baltiku, jiġifieri tnaqqis ta' 11,3 % meta mqabbel mal-2020.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta tibqa' flessibbli fl-applikazzjoni ta' mekkaniżmi ta' skambju ta' kwoti li diġà kienu ġew introdotti fir-Regolamenti dwar l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku fis-snin preċedenti. Mhu qed jiġi propost l-ebda element ġdid jew proċedura amministrattiva ġdida għall-awtoritajiet pubbliċi (tal-UE jew nazzjonali) li jistgħu jżidu l-piż amministrattiv.

Il-proposta tikkonċerna Regolament annwali għas-sena 2021 u għalhekk ma tinkludix klawsola ta' reviżjoni.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha ebda implikazzjoni għall-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Il-pjani ta' implimentazzjoni u l-arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rapportar**

Il-monitoraġġ tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd fil-forma ta' TACs u ta' kwoti ġie stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 għal ċerti stokkijiet jew gruppi ta' stokkijiet għas-sajd tal-Istati Membri fil-Baħar Baltiku.

Ir-Regolament (UE) 2016/1139 li jistabbilixxi l-MAP għall-Baħar Baltiku daħal fis-seħħ fl-20 ta' Lulju 2016. Skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-pjan, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti skont l-objettivi tal-pjan u għandhom jikkonformaw mal-meded tal-mortalità mis-sajd fil-mira pprovduti fl-aqwa parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari mill-ICES jew minn korp xjentifiku indipendenti simili. Għall-istokkijiet li jibbenefikaw minn parir dwar l-MSY, l-Artikolu 4(3) tal-MAP jipprevedi li t-TAC fil-prinċipju għandha tiġi stabbilita għal jew taħt il-valur tal-punt F_{MSY} (l-hekk imsejħa "il-medda tal-F_{MSY} inferjuri"), għalkemm it-TAC tista' wkoll dejjem tiġi stabbilita taħt il-meded tal-F_{MSY} skont l-

Artikolu 4(4) tal-MAP. Għall-istokkijiet b'saħħithom it-TAC tista', skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4(5) tal-MAP, tiġi stabbilita 'l fuq mill-valur tal-punt tal-F_{MSY} ('l hekk imsejħa "l-ogħla medda tal-F_{MSY}"). Għal stokkijiet b'bijomassa taħt il-limiti b'saħħithom (l-hekk imsejħa "$B_{skattatur}$") l-Artikolu 5(1) tal-MAP jipprevedi li għandhom jittieħdu miżuri ta' rimedju xierqa biex jiġi żgurat ir-ritorn rapidu tal-istokk għal-livelli b'saħħithom u b'mod partikolari t-TAC għandha tiġi stabbilita f'livell imnaqqas taħt l-ogħla medda tal-F_{MSY}, filwaqt li jitqies it-tnaqqis fil-bijomassa. Jekk il-bijomassa ta' stokk tkun saħansitra anqas mil-limiti bijoloġiċi sikuri (l-hekk imsejħa "B_{lim}"), l-Artikolu 5(2) tal-MAP jipprovdi li għandhom jittieħdu miżuri ta' rimedju addizzjonali. Skont ir-Regolament Bażiku tal-PKS, l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet li jirċievu parir ta' prekawzjoni għandhom jiġu stabbiliti f'livelli li jiżguraw mill-anqas livell ta' konservazzjoni kompatibbli. Fl-aħħar nett, fil-Premessa 8 tiegħu ir-Regolament Bażiku jiddikjara li d-deċiżjonijiet ta' ġestjoni b'rabta mas-sajd imħallat għandhom iqisu d-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat b'rendiment massimu sostenibbli fl-istess waqt, b'mod partikolari fejn il-parir xjentifiku jindika li huwa diffiċli ħafna li jiġi evitat il-fenomenu tal-"ispeċijiet bi kwota limitanti" billi tiżdied is-selettività tal-irkaptu tas-sajd użat.

L-opportunitajiet tas-sajd huma proposti skont l-Artikolu 16(1) (li jirreferi għall-prinċipju tal-istabbiltà relattiva) u skont l-Artikolu 16(4) (li jirreferi għall-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd u għar-regoli previsti fil-pjani pluriennali) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Meta rilevanti, biex jiġu stabbiliti l-kwoti tal-UE għall-istokkijiet maqsuma mal-Federazzjoni Russa, il-kwantitajiet rispettivi ta' dawn l-istokkijiet tnaqqsu mit-TACs skont il-parir mogħti mill-ICES. It-TACs u l-kwoti allokati lill-Istati Membri jinsabu fl-Anness tar-Regolament.

Għall-aringa tal-Baltiku tal-Punent, id-daqs tal-istokk stmat mill-ICES għadu taħt il-limitu tal-punt ta' referenza tal-bijomassa riproduttiva, li taħtu jista' jkun hemm tnaqqis fil-kapaċità riproduttiva (B_{lim}) kif stabbilit mill-ICES. Filwaqt li tqis it-tnaqqis ulterjuri fil-bijomassa stmata tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent għal sempliċiment 48 % tal-valur minimu ta' referenza (B_{lim}), il-Kummissjoni tipproponi skont l-Artikoli 5(2) u 4(4) tal-MAP l-istabbiliment tat-TAC f'livell aktar baxx mill-meded tal-F_{MSY}. Il-Kummissjoni tipproponi l-użu tal-aktar valur baxx tal-meded u li jiżdied tnaqqis ulterjuri bħala miżura ta' rimedju. Dan jirriżulta f'TAC ta' 1 575 tunnellata (-50 %).

Għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, wara bosta snin l-ICES reġa' kien f'pożizzjoni li jwettaq valutazzjoni analitika s-sena li għaddiet. Madanakollu, l-ICES ma setax jiddetermina l-valuri tal-meded tal-mortalità mis-sajd tal-MSY u għalhekk ħareġ parir ta' prekawzjoni. Barra minn hekk, l-ICES jistma li d-daqs tal-istokk kien anqas mil-limiti bijoloġiċi sikuri (B_{lim}) u li jibqa' taħt it-terminu medju anke mingħajr sajd. L-ICES jistma li l-bijomassa kompliet tonqos mis-sena li għaddiet u għall-2021 tenna l-parir tiegħu għal żero qabdiet. Madanakollu, bħas-sena li għaddiet, l-istabbiliment ta' TAC żero jista' joħnoq il-biċċa l-kbira tas-sajd fil-Baħar Baltiku. F'Mejju 2020, l-ICES ta parir aġġornat dwar il-livelli ta' qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw f'sajd ieħor. Għalhekk, abbażi ta' approċċ simili għal dak adottat is-sena li għaddiet, il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi TAC limitata għal qabdiet inċidentali inevitabbli f'sajd ieħor bl-eċċezzjoni ta' sajd purament xjentifiku. Abbażi ta' dan il-parir xjentifiku, il-Kummissjoni tipproponi li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti għal-livell li jikkorrispondi għal-livell ta' qabdiet inċidentali ta' 20 %. Barra minn hekk, minħabba l-istatus tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u l-parir tal-ICES li l-għeluq fiż-żmien riproduttiv jista' jkollu benefiċċji addizzjonali għall-istokk li ma jistgħux jinkisbu bit-TAC biss (e.ż. żieda fir-reklutaġġ permezz ta' riproduzzjoni bla xkiel), il-Kummissjoni tipproponi ż-żamma tal-għeluq fiż-żmien riproduttiv tas-sajf eżistenti bl-eċċezzjoni għas-sajd purament xjentifiku u ċertu sajd kostali fuq skala żgħira bl-użu ta' rkaptu tas-sajd passiv. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tipproponi li tinżamm il-projbizzjoni tas-sajd rikreattiv fis-suddiviżjonijiet 25

u 26 peress li l-kwantitajiet maqbuda jkunu sostanzjali meta mqabbla mat-TAC tal-qabdiet inċidentali.

Fir-rigward tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent, is-sena li għaddiet l-ICES indika li s-sitwazzjoni tal-istokk kienet fraġli u li kienet qed terġa' tiddeterjora. Għalhekk, l-opportunitajiet tas-sajd ġew stabbiliti fil-parti baxxa tal-medda l-aktar baxxa tal-F_{MSY} u ġie introdott mill-ġdid għeluq fiż-żmien riproduttiv tax-xitwa itwal u mwessa' għas-sottotaqsimiet 22-23 – bl-eċċezzjoni għas-sajd purament xjentifiku u ċertu sajd kostali fuq skala żgħira bl-użu ta' rkaptu tas-sajd passiv – peress li l-ICES iqis li dan l-għeluq jista' jkollu benefiċċji addizzjonali li ma jistgħux jinkisbu mit-TAC biss. Is-sajd rikreattiv jikkontribwixxi ferm għall-mortalità mis-sajd, u għalhekk il-limitu tal-qabda għas-sajd rikreattiv tnaqqas bl-istess mod bħat-tnaqqis tat-TAC. Fl-aħħar nett, peress li l-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tal-Punent jitħalltu fis-suddiviżjoni 24 u wara l-miżuri ta' emerġenza adottati fl-2019, is-sajd dirett għall-bakkaljaw sar ipprojbit u seta' jinqabad biss b'mod inevitabbli bħala qbid inċidentali 'l barra minn sitt mili nawtiċi mill-kosta fis-suddiviżjoni 24 bl-eċċezzjoni għal sajd purament xjentifiku u ċertu sajd kostali fuq skala żgħira bl-użu ta' rkpatu tas-sajd passiv. Barra minn hekk, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi maż-żona ta' ġestjoni tal-merluzz tal-Lvant tal-Baltiku, is-sajd rikreattiv lil hinn minn sitt mili nawtiċi mill-kosta kien ipprojbit fis-suddiviżjoni 24 minħabba li ħafna merluzz tal-Lvant tal-Baltiku jseħħ f'dawn iż-żoni, u għeluq fil-perjodu riproduttiv tas-sajf ġie introdott mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju b'eċċezzjoni għal sajd purament xjentifiku u ċertu sajd kostali fuq skala żgħira bl-użu ta' rkaptu passiv. Minkejja l-prospetti pożittivi tas-sena li għaddiet, il-bijomassa tal-istokk baqgħet taħt livelli b'saħħithom ($B_{trigger}$). Għalhekk, għall-2021, il-Kummissjoni tipproponi li l-miżuri ta' akkumpanjament ma jinbidlux filwaqt li jiġu allinjati l-perjodu ta' għeluq fis-suddiviżjoni 24 mal-perjodu ta' għeluq fis-suddiviżjonijiet 25-26, jiġifieri li jkopru (l-1 ta' Mejju sal-31 ta' Awwissu) u li jiġu stabbiliti opportunitajiet tas-sajd għall-valur ta' punt aktar baxx (F_{lower}), filwaqt li jiżdiedu l-kwantitajiet għall-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw fis-suddiviżjoni 24 ipprovduti mill-ICES li jikkorrispondu għal-livell ta' qbid inċidentali ta' 20 % ħlief għas-sajd kostali fuq skala żgħira b'irkaptu tas-sajd passiv li miegħu jiżdiedu 100 % peress li dan is-sajd mhuwiex kopert mil-limitazzjoni tal-qbid inċidentali.

L-ICES jistma li l-bijomassa tal-aringa ċentrali niżlet taħt il-livelli b'saħħithom ($B_{trigger}$). Għalhekk, skont l-Artikolu 5(1) il-Kummissjoni tipproponi l-istabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd taħt il-medda għolja tal-F_{MSY}. L-ICES jistma li b'dan il-livell ta' mortalità mis-sajd, jenħtieġ li l-bijomassa terġa' lura 'l fuq mil-livelli b'saħħithom diġà fl-2021.

It-TACs proposti għall-aringa fil-Golf ta' Riga u għal-laċċa kaħla jikkorrispondu għall-medda tal-mortalità mis-sajd tal-MSY kif imsemmi fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2016/1139. Il-laċċa kaħla għadha tiddependi fuq klassi ta' sena tajba waħda biss, il-bijomassa stmata tagħha ġiet riveduta 'l isfel u naqset. L-aktar klassi tas-sena riċenti tal-2019, li hija stmata bħala ogħla mill-medja, għandha għalhekk tiġi ppreservata għas-snin futuri. Barra minn hekk, għandhom jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet ta' bejn l-ispeċijiet minħabba li l-laċċa kaħla tinqabad f'sajd imħallat ma' aringa li t-TAC tagħha għandha titnaqqas b'mod sinifikanti skont ir-regoli tal-MAP. F'dawn iċ-ċirkostanzi u sabiex jiġi evitat ir-riskju li t-tnaqqis futur isir aktar gravi, il-Kummissjoni tipproponi li ma tiżdiedx it-TAC u għalhekk tipproponi roll-over.

It-TAC għall-barbun tat-tbajja' tikkorrispondi għal kombinazzjoni tal-parir dwar l-MSY għall-istokk fis-suddiviżjonijiet 21 sa 23 u tal-approċċ tal-ICES għall-istokkijiet b'*data* limitata fir-rigward tal-istokk fis-suddiviżjonijiet 24 sa 32. Il-Kummissjoni tipproponi roll-over minħabba kunsiderazzjonijiet ta' bejn l-ispeċijiet. Il-bakkaljaw huwa qabda inċidentali inevitabbli fis-sajd tal-barbun tat-tbajja', u l-Kummissjoni tipproponi li jitnaqqsu l-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw.

It-TACs għas-salamun fil-baċir ewlieni, il-Golf tal-Finlandja u għall-aringa fil-Golf ta' Bothnia jikkorrispondu għall-approċċ żviluppat mill-ICES li jiġi applikat għall-istokkijiet b'*data* limitata. Il-Kummissjoni tipproponi l-istabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-kwantitajiet rakkomandati mill-ICES. Fir-rigward tas-salamun tal-baċir ewlieni, il-Finlandja u l-Estonja talbu biex il-flessibbiltà limitata bejn iż-żoni introdotta sentejn ilu tinżamm. Minħabba li l-Kummissjoni tipproponi żieda fl-opportunitajiet tas-sajd fil-baċir ewlieni iżda li jitnaqqsu dawk fil-Golf tal-Finlandja, il-Kummissjoni tipproponi żieda fil-flessibbiltà bejn iż-żoni għal 25 % u 500 kampjun.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 introduċa kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs, inklużi dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà skont l-Artikoli 3 u 4 għall-istokkijiet ta' prekawzjoni u analitiċi rispettivament. Skont l-Artikolu 2 tiegħu, meta jiġu stabbiliti t-TACs, il-Kunsill għandu jiddeċiedi liema huma l-istokkijiet li għalihom ma għandhomx japplikaw l-Artikoli 3 u 4, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet. Fi żmien aktar riċenti, ġie introdott il-mekkaniżmu ta' flessibbiltà għall-istokkijiet kollha koperti bl-obbligu ta' ħatt l-art mill-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Għalhekk, biex tiġi evitata l-flessibbiltà eċċessiva li ddgħajjef il-prinċipju tal-isfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi ħajjin tal-baħar u tfixkel il-kisba tal-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd, għandu jiġi ċċarat li l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplikaw biss meta l-Istati Membri ma jużawx il-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

2020/0208 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2020/123 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] jeżiġi li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni li jqisu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli, inkluż, meta rilevanti, ir-rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd u minn korpi konsultattivi oħra, kif ukoll pariri mogħtija minn Kunsilli Konsultattivi stabbiliti għaż-żoni ġeografiċi jew l-oqsma ta' kompetenza u rakkomandazzjonijiet konġunti li jsiru mill-Istati Membri.

(2) Hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta miżuri dwar l-istabbiliment u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, fosthom ċerti kundizzjonijiet li huma marbutin magħhom b'mod funzjonali, kif xieraq. L-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ li jiġu allokati lill-Istati Membri b'mod li tiġi żgurata l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk jew attività tas-sajd filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd ("PKS") stipulati fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(3) L-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprovdi li l-objettiv tal-PKS huwa li, fejn possibbli, sal-2015 tinkiseb ir-rata ta' sfruttament tar-rendiment massimu sostenibbli ("MSY") u, b'mod progressiv u inkrementali, sa mhux aktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha.

(4) Għalhekk, il-qabdiet totali permissibbli ("TACs") jenħtieġ li jiġu stabbiliti, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, abbażi tal-pariri xjentifiċi disponibbli, filwaqt li jitqiesu l-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi u jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll wara li jitqiesu l-opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati espressi waqt il-konsultazzjoni.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

(5) Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, tal-aringa u tal-laċċa kaħla fil-Baħar Baltiku u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet ("il-pjan"). Il-pjan għandu l-għan li jiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirkupra l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada u jżommhom 'il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu l-MSY. Għal dan il-għan, il-mortalità mis-sajd fil-mira għall-istokkijiet ikkonċernati, espressa fil-meded, għandha tintlaħaq kemm jista' jkun malajr u, b'mod progressiv u inkrementali sal-2020. Għalhekk, il-limiti tal-qbid applikabbli fl-2021 għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, tal-aringa u tal-laċċa kaħla fil-Baħar Baltiku għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-objettivi tal-pjan.

(6) Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar ("ICES") indika li l-bijomassa tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent fis-suddiviżjoni 20 sa 24 kienet biss 48 % mill-valur ta' referenza tal-bijomassa ta' stokk riproduttiv ta' limitu li taħtu jista' jkun hemm tnaqqis fil-kapaċità riproduttiva (B_{lim}). Għalhekk, fil-parir annwali tiegħu dwar l-istokkijiet tad-29 ta' Mejju 2020, l-ICES ħareġ parir xjentifiku biex ma jsirux qabdiet. Għaldaqstant, f'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2016/1139, għandhom jiġu adottati l-miżuri ta' rimedju xierqa kollha biex jiġi żgurat li l-istokk ikkonċernat jitreġġa' lura malajr għal-livell ogħla minn dak li kapaċi jipproduċi MSY. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni teħtieġ li jiġu adottati miżuri ta' rimedju ulterjuri. Għal dan il-għan, hemm bżonn li titqies l-iskeda taż-żmien għall-ilħuq tal-objettivi tal-PKS b'mod ġenerali u tal-pjan b'mod partikolari fid-dawl tal-effett mistenni tal-miżuri ta' rimedju meħuda, filwaqt li fl-istess ħin jiġu rrispettati l-objettivi għall-kisba tal-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, kif stipulat fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Għaldaqstant, u f'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2016/1139, jixraq li l-opportunitajiet tas-sajd għall-aringa tal-Baltiku tal-Punent jiġu stabbiliti anqas mill-meded tal-mortalità mis-sajd, biex jitqies it-tnaqqis fil-bijomassa.

(7) Fir-rigward tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, l-ICES seta' jerġa' jibbaża l-parir ta' prekawzjoni tiegħu fuq valutazzjoni aktar rikka fid-*data* mill-2019. L-ICES jistma li l-bijomassa hija anqas minn B_{lim} u kompliet tonqos mis-sena li għaddiet. Għalhekk, l-ICES tenna l-parir tiegħu għall-2021 dwar qabdiet żero tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant. Madanakollu, l-ICES ma kienx f'pożizzjoni li jiddetermina l-valuri tal-meded tal-mortalità mis-sajd. Bħas-sena li għaddiet, jekk l-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant ġew stabbiliti għal-livell indikat fil-parir xjentifiku, l-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha f'sajd imħallat b'qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant iwassal għall-fenomenu ta' "speċijiet bi kwota limitanti". Sabiex jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn il-kontinwazzjoni tas-sajd fid-dawl tal-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi potenzjalment severi, u l-ħtieġa li jinkiseb status bijoloġiku tajjeb għall-istokk, filwaqt li titqies id-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat b'rendiment massimu sostenibbli fl-istess ħin, jixraq li tiġi stabbilita TAC speċifika għall-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant. L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2016/1139.

(8) F'Mejju 2020, l-ICES ta parir aġġornat dwar il-livelli ta' qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw f'sajd ieħor. Huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd skont

[2] Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).

dan il-parir speċjali, bl-eċċezzjoni tal-operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-iskop esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi u b'konformità sħiħa mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3]. Barra minn hekk, l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2016/1139 jiddikjara li għandhom jittieħdu miżuri ta' rimedju addizzjonali biex jiġi żgurat li l-istokk jitreġġa' lura malajr għal livelli ogħla minn dak li hu kapaċi jipproduċi MSY. Il-parir xjentifiku jindika li l-għeluq fiż-żmien riproduttiv, b'mod partikolari, jista' jkollu benefiċċji addizzjonali għal stokk li ma jistgħux jinkisbu bit-TAC biss, pereżempju żieda fir-reklutaġġ permezz ta' riproduzzjoni bla xkiel, huwa xieraq li jinżamm l-għeluq fiż-żmien riproduttiv tas-sajf eżistenti. Barra minn hekk, pariri xjentifiċi jindikaw li l-importanza relattiva tas-sajd rikreattiv tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant tiddependi fuq il-livell tat-TAC. Minħabba t-TAC imnaqqsa ħafna, il-kwantitajiet maqbuda fis-sajd rikreattiv huma kkunsidrati sostanzjali u għalhekk huwa xieraq li tinżamm il-projbizzjoni tas-sajd rikreattiv tal-bakkaljaw fis-suddiviżjonijiet 25-26 fejn il-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant huwa l-aktar abbundanti.

(9) Fir-rigward tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent, l-ICES irreveda l-bijomassa stmata 'l isfel u jistma li l-bijomassa tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent ma rkupratx 'il fuq mill-punt ta' referenza tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk li taħtu għandha tittieħed azzjoni ta' ġestjoni speċifika u xierqa ($B_{trigger}$). Għalhekk huwa xieraq li jinżammu l-miżuri ta' akkumpanjament introdotti għall-2020 u li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2016/1139 filwaqt li jitqiesu l-livelli ta' bakkaljaw maqbud b'mod inċidentali f'sajd ieħor fis-suddiviżjoni 24 kif irrakkomandat mill-ICES sabiex ikun hemm koerenza mal-approċċ segwit fiż-żona tal-ġestjoni tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant. Barra minn hekk, il-parir xjentifiku jindika li l-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Punent u tal-Lvant jitħalltu fis-suddiviżjoni 24. Sabiex jitħares l-istokk tal-bakkaljaw tal-Lvant u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi maż-żona ta' ġestjoni tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, l-użu tat-TAC fis-suddiviżjoni 24 għandu jkompli jkun limitat għall-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw bl-eċċezzjoni tal-operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiva ta' investigazzjonijiet xjentifiċi u f'konformità sħiħa mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241 u għas-sajjieda kostali fuq skala żgħira li jistadu bi rkaptu tas-sajd passiv f'żoni sa sitt mili nawtiċi mill-kosta fejn il-fond tal-ilma huwa anqas minn 20 metru minħabba li l-bakkaljaw tal-Punent huwa predominanti f'dawk iż-żoni kostali baxxi. Barra minn hekk, il-perjodu ta' għeluq fis-sottodiviżjoni 24 għandu jiġi allinjat mal-perjodu ta' għeluq fis-sottodiviżjonijiet 25-26 sabiex tiġi żgurata protezzjoni ekwivalenti f'konformità mal-parir tal-ICES.

(10) Għaldaqstant, u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi mas-suddiviżjonijiet 25-26, is-sajd rikreattiv tal-bakkaljaw fis-suddiviżjoni 24 għandu jiġi pprojbit lil hinn minn sitt mili nawtiċi mill-kosta. Barra minn hekk, peress li l-parir xjentifiku jindika li s-sajd rikreattiv jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-mortalità globali mis-sajd ta' dak l-istokk u filwaqt li jitqies l-istatus ta' dak l-istokk u t-tnaqqis tat-TAC, għandu

[3] Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

jinżamm il-limitu tal-qabda ta' kuljum għal kull sajjied. Dan hu mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-istabbiltà relattiva applikabbli għall-attivitajiet tas-sajd kummerċjali. Fl-aħħar nett, minħabba l-istatus fraġli tal-istokk u l-fatt li l-parir xjentifiku jindika li l-għeluq fiż-żmien riproduttiv, b'mod partikolari, jista' jkollu benefiċċji addizzjonali għal stokk li ma jistax jinkiseb bit-TAC biss, pereżempju żieda fir-reklutaġġ permezz ta' riproduzzjoni bla xkiel, bl-eċċezzjoni għal ċerti sajjieda kostali fuq skala żgħira u l-investigazzjonijiet xjentifiċi msemmija qabel.

(11) L-ICES jistma li l-bijomassa tal-aringa tal-Baltiku ċentrali waqgħet taħt il-punt ta' referenza tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv li taħtu għandha tittieħed azzjoni ta' ġestjoni speċifika u xierqa ($B_{trigger}$). Huwa għalhekk xieraq li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2016/1139.

(12) Skont il-parir tal-ICES, il-bakkaljaw jinqabad b'mod inċidentali fis-sajd tal-barbun tat-tbajja'. Barra minn hekk, il-laċċa kaħla tinqabad f'sajd imħallat mal-aringa u hija speċi ta' priża għall-bakkaljaw. Huwa xieraq li dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' bejn l-ispeċijiet jitqiesu biex jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għall-barbun tat-tbajja' u l-laċċa kaħla.

(13) Biex jiġi żgurat l-użu sħiħ tal-opportunitajiet tas-sajd kostali, ilha li ġiet introdotta flessibbiltà limitata bejn iż-żoni għas-salamun mis-suddiviżjonijiet 22-31 sas-suddiviżjoni 32 tal-ICES mill-2019. Minħabba l-bidliet fl-opportunitajiet tas-sajd għal dawn iż-żewġ stokkijiet, huwa xieraq li din il-flessibbiltà tiżdied.

(14) L-introduzzjoni ta' projbizzjoni tas-sajd għat-trota tal-baħar lil hinn minn erba' mili nawtiċi u ta' limitazzjoni tal-qabdiet inċidentali tat-trota tal-baħar għal 3 % tal-qabda kkombinata tat-trota tal-baħar u tas-salamun ikkontribwixxiet għal tnaqqis sostanzjali ta' rapportar ħażin tal-qabdiet fis-sajd għas-salamun li qabel kien importanti, b'mod partikolari bħala qabdiet ta' trota tal-baħar. Għalhekk, huwa xieraq li din id-dispożizzjoni tinżamm sabiex jinżamm livell baxx ta' rapportar ħażin.

(15) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd stipulat f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[4], u b'mod partikolari għall-Artikoli 33 u 34 tiegħu li jikkonċernaw ir-reġistrazzjoni tal-qabdiet u l-isforz tas-sajd, kif ukoll għat-trażmissjoni tad-*data* dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd lill-Kummissjoni. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jispeċifika l-kodiċijiet relatati mal-ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament li għandhom jużaw mill-Istati Membri meta jibagħtu d-*data* lill-Kummissjoni.

(16) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96[5] introduċa kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs, fosthom dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà skont l-Artikoli 3 u 4 għat-TACs prekawzjonarji u analitiċi. Skont l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, meta jiġi biex jistabbilixxi t-TACs, il-Kunsill għandu jiddeċiedi liema huma l-istokkijiet li għalihom ma għandhomx japplikaw l-Artikoli 3 jew 4, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet. Aktar

---

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

5 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

riċenti, l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 daħħal il-mekkaniżmu tal-flessibbiltà minn sena għal sena għall-istokkijiet kollha li huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art. Għalhekk, biex jiġi evitat li l-flessibbiltà eċċessiva li ddgħajjef il-prinċipju tal-isfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi ħajjin tal-baħar, tfixkel l-ilħuq tal-objettivi tal-PKS u tiddeterjora l-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet, jenħtieġ jiġi stabbilit li l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplikaw biss għat-TACs analitiċi meta ma tintużax il-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(17) Barra minn hekk peress li l-bijomassa tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant tinsab taħt il-B_{lim} u peress li s-sajd aċċessorju u xjentifiku biss huwa permess fl-2021, l-Istati Membri ntrabtu li ma japplikawx l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għal dan l-istokk fl-2021 sabiex il-qabdiet fl-2021 ma jaqbżux it-TAC stabbilita.

(18) Skont parir xjentifiku ġdid, għandha tiġi stabbilita TAC preliminari għall-bakkaljaw tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fid-diviżjoni 2a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES tal-ilmijiet tal-Unjoni għall-perjodu mill-1 ta' Novembru 2020 sal-31 ta' Ottubru 2021.

(19) Biex tkun evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u biex ikun żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021. Barra minn hekk, dan ir-Regolament għandu japplika għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES mill-1 ta' Novembru 2020 sal-31 ta' Ottubru 2021. Minħabba l-urġenza, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ minnufih mal-pubblikazzjoni tiegħu.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut fil-Baħar Baltiku għall-2021 u jemenda ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra stabbiliti bir-Regolament (UE) 2020/123[6].

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fil-Baħar Baltiku.

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 25, 30.1.2020, p. 1).

2. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għas-sajd rikreattiv fejn jiġi msemmi b'mod ċar fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1380/2013. Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "suddiviżjoni" tfisser suddiviżjoni tal-ICES tal-Baħar Baltiku kif definita fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 218/2009[7];

(2) "qabda totali permissibbli" ("TAC") tfisser il-kwantità ta' kull stokk li tista' tinqabad fuq perjodu ta' sena;

(3) "kwota" tfisser proporzjon mit-TAC allokat lill-Unjoni, lil Stat Membru jew lil pajjiż terz;

(4) "sajd rikreattiv" tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar għal rikreazzjoni, turiżmu jew sport.

KAPITOLU II

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD

Artikolu 4

TACs u allokazzjonijiet

It-TACs, il-kwoti u l-kundizzjonijiet marbutin magħhom b'mod funzjonali, meta xieraq, huma stipulati fl-Anness.

Artikolu 5

Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd

L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stipulat f'dan ir-Regolament, għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

(a) l-iskambji li jsiru skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(b) it-tnaqqis u l-allokazzjonijiet mill-ġdid magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(c) il-ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(d) il-kwantitajiet miżmuma skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew trasferiti skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

---

[7] Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal tal-Atlantiku (tfassil mill-ġdid)) (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

(e) it-tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 6

Kundizzjonijiet għall-ħatt l-art ta' qabdiet u ta' qabdiet inċidentali

L-istokkijiet ta' speċijiet mhux fil-mira, li jinsabu fil-limiti bijoloġiċi sikuri msemmija fl-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u li jikkwalifikaw għad-deroga mill-obbligu li l-qabdiet jingħaddu skont il-kwoti rilevanti, huma identifikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Miżuri dwar is-sajd rikreattiv għall-bakkaljaw fis-suddiviżjonijiet 22-26

1. Fis-sajd rikreattiv, jistgħu jinżammu mhux aktar minn ħames kampjuni ta' bakkaljaw għal kull sajjied kuljum fis-suddiviżjonijiet 22 u 23 u fis-suddiviżjoni 24 sa sitt mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, ma jistgħux jinżammu aktar minn żewġ kampjuni ta' bakkaljaw għal kull sajjied kuljum fis-suddiviżjonijiet 22 u 23 u fis-suddiviżjoni 24 sa sitt mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi fil-perjodu mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu 2021.

3. Is-sajd rikreattiv għandu jiġi pprojbit fis-suddiviżjoni 24 lil hinn mis-sitt mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi, u fis-suddiviżjonijiet 25 u 26.

3. Il-paragrafi 1, 2 u 3 huma mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti.

Artikolu 8

Miżuri dwar is-sajd għat-trota tal-baħar u għas-salamun fis-suddiviżjonijiet 22-32

1. Is-sajd għat-trota tal-baħar lil hinn minn erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi fis-suddiviżjonijiet 22-32 hu pprojbit għall-bastimenti tas-sajd mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2021. Meta f'dawn l-ilmijiet isir is-sajd għas-salamun, il-qabdiet inċidentali tat-trota tal-baħar ma jistgħux jaqbżu t-3 % tal-qabda totali tas-salamun u tat-trota tal-baħar fi kwalunkwe mument abbord jew meta jinħattu l-art wara kull vjaġġ tas-sajd.

2. Il-paragrafu 1 hu mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti.

Artikolu 9

Flessibbiltà

1. Għajr meta jkun speċifikat mod ieħor fl-Anness ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandu japplika għall-istokkijiet soġġetti għal TACs prekawzjonarji u l-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-istokkijiet soġġetti għal TAC analitika.

2. L-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 10

Trażmissjoni tad-data

Meta, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jibagħtu d-*data* lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet tal-istokkijiet maqbuda jew li nħattu l-art, dawn għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 11

Emenda għar-Regolament (UE) 2020/123

Fl-Anness IA, it-tabella tal-opportunitajiet tas-Sajd għall-merluzz tan-Norveġja u l-qabdiet inċidentali assoċjati fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġej:

"

Speċi:	Noway pout u l-qabdiet inċidentali assoċjati *Trisopterus esmarkii*				Żona:	3a; L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a u 4 (NOP/2A3A4.)
Sena	**2020**		**2021**			
						TAC analitika
Id-Danimarka	64 940	(1)(3)	pm	(1)(6)		L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.
Il-Ġermanja	12	(1)(2)(3)	pm	(1)(2)(6)		L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.
In-Netherlands	48	(1)(2)(3)	pm	(1)(2)(6)		
L-Unjoni	65 000	(1)(3)	pm	(1)(6)		
In-Norveġja	14 500	(4)	pm	(4)		
Il-Gżejjer Faroe	5 000	(5)	pm	(5)		
TAC	Mhux rilevanti		Mhux rilevanti			

(1) Sa 5 % tal-kwota tista' tikkonsisti minn qabdiet inċidentali ta' merluzz tal-linja sewda u ta' merlangu (OT2/*2A3A4). Magħduda flimkien, il-qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda u tal-merlangu magħduda mal-kwonta skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet inċidentali tal-ispeċijiet magħduda mal-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, flimkien ma għandhomx jaqbżu 9 % tal-kwota.

(2) Il-kwota tista' tiġi mistada biss fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3a, u 4 tal-ICES biss.

(3) Il-kwota tal-Unjoni tista' tiġi mistada biss mill-1 ta' Novembru 2019 sal-31 ta' Ottubru 2020.

(4) Għandha tintuża tabella ta' klassifikazzjoni.

(5) Għandha tintuża tabella ta' klassifikazzjoni. Din il-kwota tinkludi ammont massimu ta' 15 % ta' qabdiet inċidentali li ma jistgħux jiġu evitati (NOP/*2A3A4), u li jridu jinqatgħu ma' din il-kwota.

(6) Il-kwota tal-Unjoni tista' tiġi mistada mill-1 ta' Novembru 2020 sal-31 ta' Ottubru 2021.

”

Artikolu 12

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021. Madankollu, l-Artikolu 11 għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2020 sal-31 ta' Ottubru 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President